DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*GTĊ – 3 Att, 1 Xena, p.139 (f)*

### PETRA

**BQAJT SEJJER INKISS INKISS.**

Rajtek ilbieraħ, Samwel, wara nofsinhar ħiereġ mill-kamra tan-Nanna.

Domtu siegħa hemm ġew.

Meta ħriġt imbagħad għaddejt minn quddiem il-bieb ta' kamarti. Kont sa tiftaħ u tidħol, imma mbagħad ħsibt li aħjar tħabbat l-ewwel. *(Pawsa qasira.)*

Qatt ma kont tħabbat qabel. *(Ebda tweġiba. Wara ftit.)* U did-darba lanqas ma ħabbatt. Donnok naqsitlek il-ħila. Ippruvajt terġa' tgħolli jdejk biex tħabbat, imma ma stajtx issib l-almu. U bqajt sejjer inkiss inkiss, bla ma ħabbatt. Bla ma dħalt.

(Rajtek) Mill-kamra ta' Eżra. Meta tlajna nnaddfu hemm fuq jien u Elen. Hemm ġew għandu – kellu – elf moħba. Kellu ċwievet għal kullimkien. U kellu ċavetta għall-bieb tal-garigor – u fil-ħitan tal-garigor ma nafx kemm-il xaqq, kemm-il ħofra u rewwieħa hemm li minnhom tista' tissindika fil-kuruturi. U fil-kmamar ukoll. Għaliex ma ħabbattlix il-bieb, Samwel? *(125)*

ĦIN MASSIMU ........... MINIMU .............

PROPS ...............................................................

VIS Á VIS LE ☐ IVA ☐ = ..............................

SILTA DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.139